MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 245/2003

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Sami Ibrahim Niggar sive Sammy**

**ID 21009(A)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sami Ibrahim Niggar k/a Sammy, li ghandu l-karta tal-identita` Maltija bin-numru 21009(A):

Akkuzat talli fl-4 ta' Mejju 2001 u matul il-granet ta' qabel din id-data f'Malta:

1) Ikkonsenja medicini specifikati u psikotropika (*ecstasy*) lill-persuna/i ohra li ma kinux spizjara, dirigenti jew li ma kinux xort'ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollhom fil-pussess taghhom dik il-medicina, bi ksur tal-Artikolu 10(2) tal-Avviz Legali 22/1985, kif sussegwentement emendat u 35B u 89A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985, kif emendat;

2) Kif ukoll talli fl-istess lok u jum, u matul il-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (*ecstasy*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(b) u 89(a) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fl-ewwel lok l-imputat qed jigi akkuzat talli kkonsenja <u>medicina specifikata u psikotropika</u>, indikata bhala <u>*ecstasy*</u> fic-*charge sheet* odjerna, fl-4 ta' Mejju 2001 u matul il-granet ta' qabel din id-data u fit-tieni lok, talli fl-istess zmien, kellu fil-pussess tieghu l-istess medicina specifikata u psikotropika.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Wara informazzjoni li kellu l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara, fis-sens illi l-imputat kien qieghed jitraffika fil-*cannabis*, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat li madankollu rrizultat fin-negattiv, ghalkemm instabet xi droga fil-komun tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi l-istess imputat. Jidher li l-imputat gie arrestat ghal investigazzjoni ulterjuri, izda dwar x'sehh wara dan, ma jirrizulta xejn mill-atti. Sussegwentement fl-4 ta' Mejju 2001, l-istess Spettur kien qieghed jinvestiga lil certu Kenneth Mamo, li filghaxija fl-istess jum, kien instab fil-pussess ta' numru ta' pilloli suspettati *ecstasy*.[1] Fil-5 ta' Mejju 2001, l-istess Mamo kien indika lil certu Sami, ta' nazzjonalita` barranija, bhala l-persuna li minghandu huwa kien xtara din id-droga. Matul il-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, dan Mamo xehed illi kien l-dan Sami li kien provdieh bil-pilloli li nstabu fil-pussess tieghu fl-4 ta' Mejju 2001.[2]

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija nhar id-9 ta' April 2002, wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda li dak kollu li jghid seta' jingieb bhala prova.[3] F'din l-istqarrija, l-imputat innega illi huwa qatt uza l-pilloli *ecstasy*, jew

[1] PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed illi fl-4 ta' Mejju 2001, fl-10.30 p.m., kien arresta lil certu Kenneth Mamo gewwa Paceville, wara li minn tfittxija li saret fuqu, fil-but, instab bott tal-films bl-ghatu griz, f'liema bott kien hemm 37 pillola *ecstasy* (a fol. 42 *et seq* tal-process).
[2] Xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara (a fol. 17 *et seq* tal-process);
[3] A fol. 20 *et seq* tal-process.

li qatt kellu l-pilloli *ecstasy* u nnega wkoll illi huwa ta l-pilloli *ecstasy* lil haddiehor jew li tahom lil haddiehor sabiex ibieghhom. Huwa kkonferma li gieli kellu xaghru bhala ta' Bob Marley u li xaghru kien hekk xi sena u tlett xhur qabel.

Illi f'dawn il-proceduri, **Kenneth Mamo** xehed darbtejn ossia fit-8 ta' April 2005 u fid-9 ta' Mejju 2012. Fix-xhieda tieghu tat-8 ta' April 2005[4], b'referenza ghall-investigazzjoni fil-konfront, huwa qal illi *"kont qed inhawwad pirmli u qabduni"*[5] ossia pilloli *ecstasy*, li dakinhar kellu 37 pillola, li l-persuna minghand min kien akkwista dawn il-pilloli kien jinsab fl-awla u pprovda d-deskrizzjoni tieghu, illi huwa (ix-xhud) kellu jhallas lil din il-persuna ta' dawn il-pilloli wara u li gieli kien xtara r-rezina tal-*cannabis* ghall-uzu personali tieghu minghand l-istess persuna.

Fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Mejju 2012[6], saret referenza lix-xhud **Kenneth Mamo** ghax-xhieda tieghu tal-5 ta' April 2004, fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, quddiem din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi. Fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Mejju 2012, quddiem din il-Qorti, Mamo ikkonferma l-kontenut ta' din ix-xhieda. Bazikament, fix-xhieda tieghu tal-5 ta' April 2004, Mamo qal li l-pilloli *ecstasy*, li nstabu fil-pussess tieghu fl-4 ta' Mejju 2001, kien akkwistahom minghand Sammy u li kien imur jixtri minghandu gewwa Ball Street, Paceville. Huwa gharaf lil din il-persuna – certu Sammy Ibrahim M. Nagar - minn sett ta' tminn ritratti li gew murija lilu. Qal illi dan kien ta' nazzjonalita` Gharbija, kien jitkellem ftit bil-Malti u li kien jikkomunika mieghu bil-Malti. Qal ukoll illi xtara xi erba' jew hames darbiet minghandu u li xtara kemm *ecstasy* kif ukoll *marijuana.* L-*ecstasy* kien jixtriha bil-prezz ta' Lm7 jew Lm8, fil-waqt illi b'referenza ghal *cannabis*, huwa kien jixtri bicca ta' Lm10. Kien jixtri biss minghand din il-persuna. Din ix-xhieda imbaghad tkompli hekk:

[4] A fol. 36 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 37 tal-process.
[6] A fol. 88 *et seq* tal-process.

"Spettur Norbert Ciappara: … Il-perijodu li inti kont tixtri minghandu – issa ahna waqqafnik fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Mejju –

Il-Qorti: Ta' liema sena, Spett?

Spettur Norbert Ciappara: Tat-2001. Issa tista' ttini l-perijodu, bejn wiehed u iehor, meta inti kont takkwista d-droga minghandu?

Xhud: Month to month?

Spettur Norbert Ciappara: Bejn wiehed u iehor, kemm zmien – qabel jigifieri.

Xhud: Is-sena?

Il-Qorti: Ara, ahna qed nghidu f'"May" 2001 gejt imwaqqaf.

Xhud: Iva.

Il-Qorti: U kellek xi affarijiet fuqek.

Xhud: Iva.

Il-Qorti: Sewwa. Dawk l-affarijiet li kellek fuqek kont xtrajthom minghand dan il-persuna?

Xhud: Iva.

Il-Qorti: Issa, meta bdejt ir-relazzjoni, il-"business relationship" mieghu, ejja nsejhulha hekk, meta bdiet?

Xhud: Sena qabel.

Il-Qorti: Xejn – l-ahhar fornitura hija “round about fourth, fifth of May” –

….: Imma dik hemm dubbju fuqha, Sur Magistrat.

Il-Qorti: “All right”, halliha dik.”

Sussegwentement, ix-xhud kien indika wkoll illi din il-persuna dak iz-zmien kellu l-*braids* bhal ta’ Bob Marley.

Mill-vera kopja fotostatika tar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[7], li analizza l-pilloli misjuba fil-pussess ta’ Kenneth Mamo, jirrizulta illi fis-seba’ pilloli li gew mehuda *at random* mis-37 pillola bis-simbolu tal-*mitsubishi*, instabet fihom is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA),* liema sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-istess espert ikkonferma l-kontenut ta’ din ir-relazzjoni fix-xhieda tieghu tat-12 ta’ Jannar 2009.[8]

**L-imputat** ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri.[9] Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2014, huwa qal illi fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kien jghix gewwa Paceville, kien jahdem gewwa l-Footloose Bar u l-Bamboo Bar, f’Paceville u li la kien jabbuza mid-droga u lanqas kellu l-vizzju taghha. Qal illi lil Kenneth Mamo ma jafux, li dan kien qed jigdeb ghaliex ma kienx jafu, li qatt ma kien rah qabel ma dan xehed f’din il-kawza u li ma jafx b’xi raguni ghaliex dan kien qed jghid li xtara d-droga minghandu. In kontro-ezami, l-imputat qal illi kull meta l-pulizija fittxewlu gewwa r-residenza tieghu, f’xi tlett

[7] A fol. 28 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 61 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 95 *et seq* tal-process.

okkazzjonijiet, qatt ma sabulu xejn u li dak iz-zmien xaghru kien twil sa nofs dahru u kien innukklat. Huwa nnega li dak iz-zmien kien ibiegh l-*ecstasy* jew li kien ikollu l-*ecstasy* fil-pussess tieghu u nnega wkoll li kien ibiegh ir-rezina tal-*cannabis* lil Mamo.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi fil-waqt illi z-zewg imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghal medicina specifikata u psikotropika, jirrizulta car mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, illi f'dan il-kaz, is-sustanza in kwistjoni kienet *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*, liema sustanza hija ristretta u mhux specifikata u hija kkontrollata taht l-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 22/1985 u Parti A tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu, anke jekk il-Qorti kellha tissorvola din il-kwistjoni, anke ghaliex l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu wkoll ghall-i*street name* ta' din il-medicina bhala *ecstasy* u ghalhekk fil-verita` m'hemmx dubbju dwar liema tip ta' sustanza qed jirreferu dawn l-imputazzjonijiet, biss jezisti element iehor illi dwaru l-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti u kunfliggenti ossia l-verzjoni tal-imputat li jinsisti li huwa qatt ma kellu *ecstasy* fil-pussess tieghu, li qatt ma ta jew biegh *ecstasy* lil haddiehor u li huwa lanqas kien jaf lil Kenneth Mamo u min-naha l-ohra, il-verzjoni tal-istess Kenneth Mamo li jghid illi huwa kien jakkwista kemm il-pilloli *ecstasy*, kif ukoll ir-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat. L-unika prova li tezisti fl-atti li tiffavorixxi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' Kenneth Mamo.

Illi kollox ghalhekk jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata lill-imputat min-naha l-wahda u lix-xhud tal-Prosekuzzjoni min-naha l-ohra, li huwa kategoriku meta jghid li huwa kien jixtri l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Issa din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa u hasbet fit-tul dwar il-verzjoni tal-imputat, kemm *a tempo vergine,* kif ukoll fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri u dwar min-naha l-ohra l-verzjoni ta' Mamo, temmen il-verzjoni

moghtija minn Mamo – u fil-fatt ghalkemm il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tisma' lil Mamo jixhed *viva voce* quddiemha u ghalhekk ma setghetx tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, a kuntrarju tal-imputat li xehed quddiemha, tqis minn qari tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu, illi dan ix-xhud baqa' dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu, illi skond ix-xhieda tal-Ispettur Ciappara, fil-mumenti bikrija tal-investigazzjoni huwa indika lill-imputat bhala l-fornitur tieghu u sussegwentement baqa' kostanti u konsistenti dwar dan il-fatt fit-tlett okkazzjonijiet li huwa xehed quddiem dawn il-Qrati (u f'zewg okkazzjonijiet minnhom, fil-presenza tal-imputat), illi fl-ebda mument ma deher reticenti fix-xhieda tieghu, li anke indika certi dettalji dwar per ezempju fejn kien jiltaqa' mal-imputat (u cioe` gewwa Ball Street, Paceville, meta fil-fatt jirrizulta illi dak iz-zmien l-imputat kien jghix gewwa Paceville u li kien anke jahdem f'bars hemmhekk) u pprovda anke deskrizzjoni dwar l-imputat ossia ismu, li huwa ta' nazzjonalita` Gharbija, li kien jitkellem ftit bil-Malti u anke l-mod ta' kif l-imputat kien izomm xaghru fiz-zmien in kwistjoni – fatti dawn li lkoll jirrizultaw u jikkorroboraw il-verzjoni tax-xhud.  In oltre dwar il-mod li, skond ix-xhud, l-imputat kien izomm xaghru u cioe` bhal ta' Bob Marley, dan gie anke kkonfermat mill-imputat stess fl-istqarrija tieghu, ghalkemm sussegwentement ipprova jaghti impressjoni diversa fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.  Ix-xhud provda anke dettalji dwar il-prezzijiet li bihom kien jixtri l-pilloli *ecstasy* u anke r-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat u tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis il-verzjoni ta' Mamo bhala wahda kredibbli.

Biss, l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghall-<u>4 ta' Mejju 2001 u l-granet ta' qabel din id-data</u>.  Ghalkemm jirrizulta mill-atti illi Kenneth Mamo kien instab fil-pussess ta' 37 pillola *ecstasy* nhar l-4 ta' Mejju 2001, liema pilloli huwa akkwistahom minghand l-imputat, biss minn imkien mix-xhieda tieghu ma jirrizulta <u>meta</u> huwa kien akkwista dawn il-pilloli minghand l-istess imputat. Fix-xhieda tieghu tal-5 ta' April 2004, li kif inghad giet ikkonfermatha minnu fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Mejju 2012, Mamo jghid illi huwa kien ilu jixtri d-droga minghand l-imputat ghall-perjodu ta' sena, izda kif jirrizulta car mill-bran fuq citat mix-xhieda tieghu, b'referenza ghall-pilloli li nstabu fuqu fl-4 ta' Mejju 2001, ma jirrizultax meta huwa kien effettivament xtara dawn il-pilloli u jekk fil-fatt kienx xtrahom fil-granet ta' qabel din id-data, fit-termini dedotti fl-

ewwel imputazzjoni. Bil-frazi ‘granet ta’ qabel’, il-Qorti tifhem proprju dan u cioe` granet u mhux gimghat jew xhur u allura fil-fehma tal-Qorti, isegwi illi din il-frazi ghandha tigi interpretata bhala li hija ristretta ghall-gimgha ta’ qabel id-data in kwistjoni. Altrimenti jekk il-Prosekuzzjoni riedet tirreferi ghal perjodu itwal minn dan, l-imputazzjonijiet kellhom jitkellmu dwar il-gimghat ta’ qabel din id-data jew ix-xhur ta’ qabel din id-data. Kien ikun xort’ohra li kieku l-imputazzjonijiet odjerni kienu jirreferu ghall-4 ta’ Mejju 2001 u s-sena ta’ qabel din id-data, ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta’ Mamo illi huwa kien ilu jakkwista d-droga minghand l-imputat ghal perjodu ta’ sena qabel ma huwa stess inqabad fil-pussess tal-pilloli *ecstasy*, izda mill-provi migjuba quddiemha, il-Qorti ma tistax tasal lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi Mamo kien xtara l-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tieghu jew anke xi pilloli *ecstasy* ohrajn, fl-4 ta’ Mejju 2001 jew fil-jiem ta’ qabel din id-data.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------